



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 26 ta' Mejju 2021
(OR. en)

9153/21

POLGEN 78
POLMAR 6
CLIMA 124
COMAR 12
ENER 237
ENV 374
PECHE 164
RELEX 472
TRANS 330

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 8712/1/21 REV 1	
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ekonomija blu sostenibbli: saħħa, għarfien, prosperità, ekwità soċjali

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ekonomija blu sostenibbli: saħħa, għarfien, prosperità, ekwità soċjali, kif approvati mill-Kunsill fil-laqgħa tiegħu li saret fis-26 ta' Mejju 2021.

**Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ekonomija blu sostenibbli:
saħħa, għarfien, prosperità, ekwità soċjali**

Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea,

FILWAQT LI JFAKKAR:

- fil-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Politika Marittima Integrata ta' Diċembru 2008, tas-16 ta' Novembru 2009, tal-14 ta' Ġunju 2010, tad-19 ta' Diċembru 2011, tal-11 ta' Diċembru 2012, tal-25 ta' Ġunju 2013 u tal-24 ta' Ġunju 2014¹;
- fil-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Artiku tal-20 ta' Ġunju 2016²;
- fil-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar "Il-Governanza internazzjonali tal-oċeani: aġenda għall-futur tal-oċeani tagħna" tat-3 ta' April 2017³;
- fil-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar "Ġejjieni Ewropew sostenibbli: It-tweġiba tal-UE għall-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli" tal-20 ta' Ġunju 2017⁴;
- fil-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-Tkabbir Blu tas-26 ta' Ġunju 2017⁵;
- fil-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-reviżjoni tal-Pjan ta' Azzjoni tal-Istrateġija dwar is-Sigurtà Marittima tal-Unjoni Ewropea (EUMSS) tas-26 ta' Ġunju 2018⁶;
- fil-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Oċeani u l-Ibħra tad-19 ta' Novembru 2019⁷;

¹ 16503/1/08 REV 1, 15175/1/09 REV 1, 10300/10, 18279/11, 16553/12 + COR 1, 10790/13 u 11204/14
² 10400/16
³ 8029/17
⁴ 10370/17
⁵ 10662/17
⁶ 10494/18
⁷ 14249/19

- fil-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Istrateġija dwar il-Bijoekonomija aġġornata "Bijoekonomija sostenibbli għall-Ewropa: insaħħu r-rabta bejn l-ekonomija, is-soċjetà u l-ambjent" tad-29 ta' Novembru 2019⁸;
- fil-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar "Nibnu Ewropa sostenibbli sal-2030 – Progress s'issa u l-passi li jmiss" tal-10 ta' Diċembru 2019⁹;
- fil-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-"Settur tat-Trasport fuq l-Ilma tal-UE - Prospettiva futura: Lejn Settur tat-Trasport fuq l-Ilma tal-UE b'livell newtrali f'termini ta' emissjonijiet tal-karbonju, l-ebda aċċident, awtomatizzat u kompetittiv" tal-5 ta' Ġunju 2020¹⁰;
- fil-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Istrateġija Mill-Għalqa sal-Platt tad-19 ta' Ottubru 2020¹¹;
- fil-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Bijodiversità - il-ħtieġa għal azzjoni urġenti tat-23 ta' Ottubru 2020¹²;
- fil-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar irkupru li javvanza t-tranżizzjoni lejn industrija Ewropea aktar dinamika, reżiljenti u kompetittiva tas-16 ta' Novembru 2020¹³;
- fil-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar iż-Żona Ewropea tar-Riċerka l-Ġdida tal-1 ta' Diċembru 2020¹⁴;
- fil-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Enerġija Lil Hinn mill-Kosta - It-Trawwim tal-Kooperazzjoni Ewropea f'Enerġija Lil Hinn mill-Kosta u Enerġija Rinnovabbli Oħra tal-11 ta' Diċembru 2020¹⁵;
- fil-konklużjonijiet tal-Kunsill "Lejn suq tal-idroġenu għall-Ewropa" tal-11 ta' Diċembru 2020¹⁶;
- fil-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar Nagħmlu l-Irkupru Ċirkolari u Ekoloġiku tas-17 ta' Diċembru 2020¹⁷;

8	14594/19
9	14835/19
10	8648/20
11	12099/20
12	12210/20
13	13004/20
14	13567/20
15	13893/20
16	13976/20
17	13852/20

1. JIRRIKONOXXI li t-tibdil fil-klima u d-degradazzjoni ambjentali, inkluż it-telf tal-bijodiversità, joħolqu theddid dirett u eżistenzjali għall-ħajja u l-benesseri tal-bniedem u jipperikolaw il-pedamenti tas-soċjetà u l-ekonomija tagħna; għal futur ekoloġikament u ambjentalment reżiljenti, il-konservazzjoni, ir-restawr u l-użu sostenibbli tal-oċeani u l-ibħra għandhom ikunu parti integrali mit-trasformazzjoni; JILQA' l-Patt Ekoloġiku Ewropew bħala strateġija li ser tittrasforma l-Unjoni Ewropea f'ekonomija moderna, effiċjenti fir-riżorsi, reżiljenti, kompetittiva u sostenibbli, fejn sal-2050 il-bijodiversità tiġi kkonservata, restawrata u użata b'mod sostenibbli, ikun hemm emissjonijiet ta' gassijiet serra żero netti, it-tniġġis jitnaqqas għal livelli li ma għadhomx ta' ħsara għall-bnedmin u l-ekosistemi naturali, u t-tkabbir ekonomiku jiġi diżakkoppjat mill-użu mhux sostenibbli tar-riżorsi;
2. JENFASIZZA li ekonomija blu sostenibbli bħala parti mill-Politika Marittima Integrata tal-UE u użu sostenibbli tal-oċeani u l-ibħra għandhom rwol importanti fl-aġenda tal-Patt Ekoloġiku Ewropew; JAPPOĠĠA governanza soda bbażata fuq l-għarfien, is-sensibilizzazzjoni u l-għarfien profund tal-oċeani u l-ibħra, kif ukoll kondizzjonijiet soċjoekonomiċi ġusti u ekwi, f'konformità mal-Aġenda Strateġika tal-UE;
3. JISĦAQ li l-pandemija tal-COVID-19 toħloq sfida ta' proporzjonijiet storiċi għall-Unjoni Ewropea u għad-dinja; IFAKKAR li l-Next Generation EU u l-qafas finanzjarju pluriennali l-ġdid, inkluż il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, huma strumenti li jeħtieġ li jitqiesu fl-iżvilupp tas-setturi tal-ekonomija blu biex jikkontribwixxu għall-irkupru Ewropew, filwaqt li jsaħħu l-impenn għall-konservazzjoni, ir-restawr u l-użu sostenibbli tal-oċeani, l-ibħra u r-riżorsi tal-baħar;
4. JIRRIKONOXXI li l-oċeani u l-ibħra għandhom rwol vitali bħala regolatur tal-klima, il-bir ta' karbonju ewlieni tal-pjaneta, u r-regolatur ewlieni tat-temperatura tal-pjaneta; bħala tali, l-oċeani u l-ibħra għandhom jitqiesu bħala soluzzjoni importanti bbażata fuq in-natura għall-isfidi tat-tibdil fil-klima;

5. JISSOTTOLINJA l-importanza tal-istrategġiji u l-inizjattivi kollha tal-baċiri tal-baħar fil-promozzjoni ta' objettivi komuni għal ekonomija blu sostenibbli bejn l-UE u l-pajjiżi ġirien; JILQA' l-pjan ta' azzjoni l-ġdid għall-istrategġija marittima għall-Atlantiku¹⁸, il-pjan ta' azzjoni aġġornat għall-Istrategġija tal-UE għar-Reġjun tal-Baħar Baltiku u d-Dikjarazzjoni Ministerjali tal-Unjoni għall-Mediterran tal-2021 dwar l-Ekonomija Blu;
6. JINSAB IMĦASSEB dwar it-telf ta' impjegi u l-ostakli fis-setturi tal-ekonomija blu minħabba l-kriżi tal-COVID-19; JILQA' l-isforzi konġunti tal-UE u tal-Istati Membri tagħha biex ireġġgħu lura l-impatti tal-kriżi, inkluż permezz ta' finanzjament u investimenti pubbliċi u privati, li jippermettu lill-UE toħroġ aktar b'saħħitha minn din il-kriżi;
7. JAFFERMA MILL-ĠDID li, kif iddikjarat fir-Risoluzzjoni A/75/239 tan-NU tal-31 ta' Diċembru 2020, il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar (UNCLOS) "tistipula l-qafas legali li fih iridu jitwettqu l-attivitajiet kollha fl-oċeani u l-ibħra";
8. IFAKKAR li, sabiex jiġu żgurati oċeani u ibħra b'saħħithom u reżiljenti, jitreġġa' lura t-tnaqqis fis-saħħa tagħhom, jiġu kkonsevati l-ekosistemi tagħhom u jiġi żgurat l-użu sostenibbli tar-riżorsi tal-baħar, hija meħtieġa bidla fl-ambizzjonijiet ta' ġestjoni globali u b'mod speċifiku fix-xejriet tal-produzzjoni u tal-konsum tagħna;
9. JILQA' l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni¹⁹ dwar approċċ ġdid għal ekonomija blu sostenibbli, li titlob approċċ transsettorjali msaħħaħ;
10. JILQA' l-Istrategġija mill-Għalqa sal-Platt²⁰, li tappella għal bidla aċċellerata lejn produzzjoni sostenibbli tal-ħut u tal-frott tal-baħar u bijoekonomija blu ċirkolari; JISĦAQ li t-tranżizzjoni lejn sistemi tal-ikel ġusti, tajbin għas-saħħa u sostenibbli u l-investiment f'forom sostenibbli ġodda ta' produzzjoni u konsum tal-ikel huma kruċjali għas-sostenibbiltà tal-katina alimentari u għas-sikurezza u s-sigurtà tal-ikel;

¹⁸ 9922/20

¹⁹ 8810/21

²⁰ 8280/20

11. JILQA' l-linji gwida strateġiċi ġodda għal akkwakultura sostenibbli fl-UE u l-fatt li l-Kummissjoni bdiet taħdem fuq inizzjattiva biex tappoġġa l-produzzjoni, il-konsum sikur u l-użu innovattiv tal-alka fl-UE;
12. JIRRIKONNOXXI l-progress li sar s'issa fil-qafas tal-politika komuni tas-sajd (PKS) biex jiġi żgurat li s-sajd ikun ambjentalment, ekonomikament u soċjalment sostenibbli u JAFFERMA MILL-ĠDID il-hteġa li l-PKS tkompli tiġi implimentata bis-sħiħ;
13. JENFASIZZA l-importanza tas-sajd u l-akkwakultura, speċjalment fuq skala żgħira, bħala tnejn mill-attivitajiet ewlenin li jikkostitwixxu l-bażi ekonomika u soċjali għall-komunitajiet kostali lokali, filwaqt li jiġu żgurati r-rilevanza u s-sostenibbiltà ambjentali tagħhom fit-tul, u JAFFERMA MILL-ĠDID il-hteġa għal appoġġ speċjali għal dawn il-komunitajiet;
14. IFAKKAR fis-sejbiet tar-Rapport dwar l-Ekonomija Blu tal-UE 2020, b'mod partikolari l-hteġa li jiġi rikonoxxut u kkonfermat il-valur tal-oċeani u l-ibħra, kemm jekk ikun ekonomiku, soċjali, ambjentali jew kulturali, li huwa saħansitra aktar urġenti minħabba l-kriżi kbira kkawżata mill-pandemija tal-COVID-19. L-ekonomija blu Ewropea tista' u għandha tkun pilastru ċentrali u solidu li jikkontribwixxi għall-irkupru ekoloġiku tal-ekonomija Ewropea u r-reżiljenza tas-soċjetà tagħna; JIRRIKONNOXXI r-Rapport dwar l-Ekonomija Blu 2021 u JISTENNA B'INTERESS studji u data rilevanti oħra li jgħinu biex jinżamm rekord tal-ekonomija blu fit-triq tagħha lejn irkupru ekoloġiku;
15. JAFFERMA MILL-ĠDID li d-Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina (MSFD) hija l-pilastru ambjentali tal-Politika Marittima Integrata u għandha l-għan li tikseb jew iżżomm status ambjentali tajjeb għall-ilmijiet tal-baħar tal-Istati Membri tal-UE permezz tal-applikazzjoni tal-approċċ ibbażat fuq l-ekosistema u tikkontribwixxi wkoll għall-użu sostenibbli tal-prodotti u s-servizzi tal-baħar mill-ġenerazzjonijiet preżenti u futuri;

16. JISĦAQ fuq il-ħtieġa għal koordinazzjoni tal-politika effettiva bejn id-Direttiva dwar l-Ippjanar tal-Ispazju Marittimu (MSPD) u l-politiki settorjali li jirregolaw l-attivitajiet marittimi; JENFASIZZA li hija meħtieġa azzjoni kkoordinata fi ħdan il-kooperazzjoni reġjonali u tranżnazzjonali tal-UE biex tiġi implimentata l-MSPD bħala mezz biex jintlaħqu l-ambizzjonijiet tal-Patt Ekoloġiku Ewropew u biex jiżdied il-potenzjal eċċellenti tas-setturi kostali u marittimi f'termini ta' tkabbir sostenibbli u bħala għodda li tippermetti użi multipli tal-ispazju tal-baħar filwaqt li jiġu ppreservati l-ekosistemi kostali u tal-baħar;
17. JILQA' l-ħidma tal-Grupp Intergovernattiv ta' Esperti dwar it-Tibdil fil-Klima u l-iSpecial Report on the Ocean and the Cryosphere in a Changing Climate (Rapport Speċjali dwar l-Oċean u l-Kriosfera fi Klima li qed Tinbidel) tiegħu; il-Proċess Regolari tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Rappurtar u l-Valutazzjoni Globali tal-Istat tal-Ambjent tal-Baħar, inkluż l-Aspetti Soċjoekonomiċi (il-"Proċess Regolari") u l-Valutazzjonijiet tiegħu tal-Oċeani Dinjija; u r-Rapport ta' Valutazzjoni Globali tal-Pjattaforma Intergovernattiva tal-Politika tax-Xjenza dwar il-Bijodiversità u s-servizzi Ekosistemiċi; JENFASIZZA l-ħtieġa li jiżdied l-għarfien xjentifiku globali tar-riżorsi u l-popolazzjonijiet bijoloġiċi tal-baħar; IFAKKAR li t-tibdil fil-klima u l-attivitajiet tal-bniedem għandhom impatti fuq l-istatus ambjentali tal-oċeani u tal-ibħra u li l-fehim tal-impatt kumulattiv huwa prekondizzjoni importanti għall-ekonomija blu sostenibbli; JILQA' l-Istrateġija tal-UE dwar l-Adattament għat-Tibdil fil-Klima, speċjalment ir-rikonoxximent li s-soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura huma essenzjali għal ibħra u oċeani b'saħħithom, u tal-ħtieġa li jingħalqu l-lakuni fl-għarfien dwar l-impatti u r-reżiljenza tal-klima, inkluż dwar l-oċeani;
18. JENFASIZZA dwar ir-rabta mill-qrib mal-Aġenda 2030, l-Għan ta' Żvilupp Sostenibbli (SDG) 14 u l-SDGs l-oħra kollha relatati mal-ekonomija blu, il-benesseri u l-produzzjoni u l-konsum sostenibbli; JENFASIZZA li l-aġenda tal-governanza internazzjonali tal-oċeani tal-UE hija parti integrali mir-rispons Ewropew għall-Aġenda 2030 tan-NU;
19. JAFFERMA MILL-ĠDID l-involvement qawwi tal-UE u tal-Istati Membri tagħha fid-Deċennju tan-Nazzjonijiet Uniti għax-Xjenza dwar l-Oċeani għall-Iżvilupp Sostenibbli (2021-2030) u fil-Konferenza tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-Oċeani li ġejja;

20. JIRRIKONOXXI l-importanza tal-promozzjoni tal-konservazzjoni tal-baħar, l-iżvilupp sostenibbli u l-attivitajiet ekonomiċi blu, inkluż fir-reġjuni ultraperiferiċi u l-pajjiżi u t-territorji extra-Ewropej, filwaqt li jenfasizza l-vulnerabbiltà speċifika tagħhom għall-effetti tat-tibdil fil-klima;

I. OĊEANI U IBĦRA B'SAĦĦITHOM BIEX ISOSTNU L-ĦAJJA

21. JIRRIKONOXXI l-ħtieġa li jiġu indirizzati b'mod urġenti theddidiet kbar għall-ekosistemi u l-bijodiversità tal-baħar u kostali billi tiġi avvanzata azzjoni dwar il-protezzjoni u l-konservazzjoni tagħhom u, fost affarijiet oħra, dwar l-adattament għall-effetti negattivi tat-tibdil fil-klima u l-mitigazzjoni tagħhom; JAPPELLA għal sforzi biex jiġi indirizzat b'mod urġenti t-tniġġis tal-baħar u dak ibbażat fuq l-art, jitnaqqas l-ammont ta' skart tal-plastik li jidħol fl-oċeani u l-ibhira, jiġi evitat, skoraġġut u eliminat is-sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat, jintemmu s-sussidji dannużi, u jitwaqqaf l-isfruttament illegali tar-riżorsi tal-baħar u l-introduzzjoni ta' speċijiet aljeni invażivi; JISĦAQ fuq l-importanza tal-promozzjoni tal-iżvilupp sostenibbli tal-passaġġi fuq l-ilma interni, f'konformità mal-oġettivi tal-Patt Ekoloġiku Ewropew u l-Istrateġija għal Mobilità Sostenibbli u Intelliġenti;
22. JAGĦRAF li l-iskart fil-baħar mhux biss qed ikollu impatt sinifikanti fuq l-ekosistemi tal-baħar, iżda wkoll diġà qed jiġġenera spejjeż addizzjonali u qed jikkawża dħul mitluf għall-ekonomija blu, speċjalment fl-attivitajiet tas-sajd, tal-akkwakultura, tat-turiżmu u tat-trasport marittimu; JILQA' l-isforzi tal-Kummissjoni u tal-Istati Membri individwali fil-livell internazzjonali biex jintlaħaq ftehim globali legalment vinkolanti dwar l-iskart fil-baħar u t-tniġġis tal-plastik li jnaqqas l-iskart tal-plastik fil-baħar u l-mikroplastiċi fl-oċeani u l-ibhira;
23. JAFFERMA MILL-ĠDID l-importanza li jiġu inklużi networks koerenti u rappreżentattivi ta' żoni protetti tal-baħar ġestiti b'mod effettiv biex jinkiseb jew jinżamm status ambjentali tajjeb u jiġu promossi l-konservazzjoni u l-użu sostenibbli tar-riżorsi tal-baħar u soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura sabiex tiżdied ir-reżiljenza tal-oċeani u l-ibhira u jitwaqqaf it-telf tal-bijodiversità fid-dawl tat-tibdil fil-klima; JILQA' l-miri stabbiliti mill-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030, inkluż l-oġettiv tal-protezzjoni ta' minimu ta' 30 % tal-baħar fl-Ewropa, li terz minnu għandu jkun protett b'mod strett, filwaqt li jirrikonoxxi l-prinċipji tal-libertà tal-ibhira miftuħa u l-libertà tan-navigazzjoni;

24. JISTIEDEN lill-Istati Membri jużaw l-ippjanar tal-ispazju marittimu biex isaħħu l-forniment ta' oġġetti u servizzi tal-ekosistemi u jiksbu objettivi ekoloġiċi, ekonomiċi u soċjali, kif ukoll jimminimizzaw il-kunflitti bejn attivitajiet differenti fuq il-baħar; JIRRIKONNOXXI l-kunċett ta' kurituri blu fl-ippjanar tal-ispazju marittimu bħala miżura biex tittejjeb il-konnettività funzjonali tan-networks ekoloġiċi u biex jiġu żgurati sajd u navigazzjoni sostenibbli fl-ekoreġjuni tal-baħar;
25. JISTIEDEN lill-Istati Membri biex jiżguraw li tiġi stabbilita aġenda sostenibbli tal-ekonomija blu f'kooperazzjoni mill-qrib mal-organizzazzjonijiet internazzjonali u l-konvenzjonijiet marittimi reġjonali rilevanti u f'konformità mal-istrateġiji reġjonali tal-baċiri tal-baħar; IĦEĠĠEĠ il-kooperazzjoni, is-sinerġija u l-iskambju tal-għarfien espert u tal-aħjar prattiki bejn il-baċiri tal-baħar differenti fl-implimentazzjoni tal-prijoritajiet tal-ekonomija blu;
26. JAFFERMA MILL-ĠDID l-impenn tiegħu li jikkonkludi mill-aktar fis possibbli n-negożjati ta' ftehim ta' implimentazzjoni internazzjonali ambizzjuż u legalment vinkolanti, konsistenti mal-UNCLOS, dwar il-konservazzjoni u l-użu sostenibbli tad-diversità bijoloġika tal-baħar lil hinn mill-ġurisdizzjoni nazzjonali (BBNJ);

II. GħARFIEN U SENSIBILIZZAZZJONI GĦAL ĠESTJONI AĦJAR TAL-OĊEANI U L-IBĦRA

27. IFAKKAR fl-importanza li jiġu appoġġati r-riċerka, l-innovazzjoni u d-data miftuħa sabiex l-oċeani u l-ibħra, l-istat u d-dinamika u l-ekosistemi tagħhom jiġu mifhuma, protetti u restawrati aħjar; JIRRIKONNOXXI r-rwol ċentrali ta' Orizzont Ewropa u JILQA' l-kandidat ta' Orizzont Ewropa "Missjoni dwar l-Oċean, l-Ibħra u l-Ilmijiet"; JILQA' l-istabbiliment ta' Sħubija Ewropea għal ekonomija blu newtrali għall-klima, sostenibbli u produttiva; JIDDESKRIVI l-importanza li jiġu żviluppati għodod ta' monitoraġġ u sorveljanza tal-oċeani bbażati fuq is-satelliti; JISĦAQ fuq il-ħtieġa li jiġi appoġġat l-iżvilupp tal-komponent Ewropew tas-Sistema ta' Osservazzjoni tal-Oċeani Globali;

28. JIRRIKONOXXI l-progress li sar mill-Programm Ewropew ta' Osservazzjoni tad-Dinja (Copernicus), speċjalment permezz tas-Servizz tal-Ambjent tal-Baħar tiegħu, u n-Network Ewropew ta' Osservazzjoni u Data Marittima (EMODnet) biex id-data dwar il-baħar issir disponibbli abbażi tal-prinċipji FAIR (Traċċabbli, Aċċessibbli, Interoperabbli u Utilizzabbli mill-ġdid), u jenfasizza l-ħtieġa li jkomplu jiġu żviluppati dawn is-sistemi u jitkompla jinbena fuqhom;
29. JISĦAQ li ż-żieda fil-livell tal-ġarfien dwar l-oċeani u l-ibħra u r-rikonoxximent tal-importanza ta' oċeani b'saħħithom għall-pjaneta, is-soċjetà u l-ekonomija tagħna huma kritiċi għas-sensibilizzazzjoni tal-pubbliku u l-edukazzjoni tiegħu, u għalhekk JIRRAKKOMANDA sforz konsistenti biex jiġi promoss il-litteriżmu dwar l-oċeani permezz tal-edukazzjoni formali, attivitajiet u proġetti ta' sensibilizzazzjoni u fil-livelli kollha tas-soċjetà inġenerali;
30. JISĦAQ fuq ir-rwol ewleni tal-organizzazzjonijiet reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd (RFMOs) bħala fora ewlenin biex isir progress fir-rigward ta' azzjonijiet li jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tal-SDG 14 u, b'mod partikolari, il-miri relatati mal-ġestjoni tas-sajd u l-konservazzjoni tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar; JAFFERMA MILL-ĠDID id-dritt tas-sajd u tal-flotot li jwettqu l-attivitajiet tagħhom b'mod sostenibbli;
31. JIRRIKONOXXI r-rilevanza tal-erba' Konvenzjonijiet dwar l-Ibħra Reġjonali (OSPAR, HELCOM, UNEPMAP u BSC) bħala għodda ewlenija bi tradizzjoni u esperjenza twila fil-kooperazzjoni internazzjonali għall-protezzjoni tal-ambjent tal-baħar fi ħdan ir-regġuni tal-baħar differenti tal-Istati Membri tal-UE u JĦEĠĠEĠ l-użu kontinwu ta' dawn il-konvenzjonijiet internazzjonali biex ikun hemm kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi dwar kwistjonijiet u sfidi ewlenin li qed niffaċċjaw fl-ibħra tagħna: it-tniġġis mill-art għall-baħar, it-tniġġis tal-baħar inkluż l-iskart fil-baħar, il-konservazzjoni u l-protezzjoni tal-bijodiversità, u s-sostenibbiltà tal-attivitajiet tal-bniedem;
32. JISTIEDEN lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni Ewropea, iggwidati mill-oġettivi tad-Deċennju tan-NU għax-Xjenza dwar l-Oċeani għall-Iżvilupp Sostenibbli, biex ikomplew jsaħħu l-koordinazzjoni tal-aġendi tar-riċerka u l-innovazzjoni tal-baħar marittimi tagħhom u l-istrumenti ta' finanzjament tagħhom, filwaqt li jibnu fuq sħubiji multilaterali eżistenti bħall-Alleanza tar-Riċerka tal-Oċean Trans-Atlantiku u l-aġendi strateġiċi tar-riċerka u l-innovazzjoni li ġew żviluppati għall-Baħar Baltiku, il-Baħar l-Iswed, il-Baħar Mediterran u l-Baħar tat-Tramuntana u l-pjanijiet ta' implimentazzjoni tagħhom;

III. EKONOMIJA BLU SOSTENIBBLI BIEX JIĠU APPOĠĠATI L-IRKUPRU U L-PROSPERITA TAL-EWROPA

33. JISĦAQ fuq il-ħtieġa ġenerali li l-impatt ambjentali tad-diversi setturi tal-ekonomija blu jinġieb f'livelli sostenibbli billi jiġu segwiti b'mod attiv l-oġettivi u l-miri ambjentali stabbiliti taħt l-MSFD għall-politiki settorjali rilevanti kollha u permezz ta' taħlita ta' investimenti, innovazzjoni, regolamentazzjoni u kooperazzjoni mal-partijiet interessati kollha, inkluż is-settur privat;
34. JAPPOĠĠA t-tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari u jilqa' l-Pjan ta' Azzjoni għal Ekonomija Ċirkolari, bħala wieħed mill-elementi kostitwenti ewlenin tal-Patt Ekoloġiku Ewropew, u JISTENNA B'INTERESS il-pjan ta' azzjoni "Towards a Zero Pollution Ambition for air, water and soil – building a Healthier Planet for Healthier People" (Lejn l-Ambizzjoni ta' Tniġġis Żero għall-arja, l-ilma u l-ħamrija – il-bini ta' Pjaneta aktar b'Saħħitha għal Persuni aktar b'Saħħithom); JIRRIKONOXXI l-ħtieġa li tissaħħaħ iċ-ċirkolarità fis-setturi tal-ekonomija blu;
35. JISĦAQ fuq l-importanza li l-ikel jiġi akkwistat mill-oċeani u mill-ibħra b'mod sostenibbli bħala waħda mill-isfidi ewlenin fis-snin li ġejjin, abbażi tal-politika komuni tas-sajd u b'rabta mill-qrib mal-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030, l-Istrateġija mill-Għalqa sal-Platt, l-Istrateġija aġġornata dwar il-Bijoeconomija u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura; JISĦAQ b'mod partikolari l-ħtieġa li jiġi appoġġat l-iżvilupp tal-bijoeconomija blu, kif ukoll sistemi tal-akkwakultura sostenibbli u innovattivi;
36. JILQA' l-Istrateġija għal Mobilità Sostenibbli u Intelliġenti; JENFASIZZA dwar l-importanza tat-teknoloġiji sostenibbli, l-awtomatizzazzjoni u d-diġitalizzazzjoni fis-settur tal-baħar u dak marittimu, li huma essenzjali għal oċeani b'saħħithom u reżiljenti u ekonomija blu sostenibbli;
37. JISĦAQ fuq l-importanza tad-dekarbonizzazzjoni tal-industriji tat-tbajr u tat-trasport marittimu u l-mixja lejn l-użu ta' sorsi tal-enerġija b'emissjonijiet baxxi u rinnovabbli, biex jintlaħqu l-oġettivi tal-Patt Ekoloġiku Ewropew;

38. JENFASIZZA l-ħtieġa li jiġi żgurat finanzjament adegwat u l-kondizzjonijiet qafas biex jiġu promossi r-riċerka u l-iżvilupp għal teknoloġiji effiċjenti u innovattivi biex ikomplu jitħejjew il-bastimenti, il-portijiet, l-attivitajiet tat-tbaħħir, il-bini tal-bastimenti u l-industriji tal-produzzjoni tal-enerġija biex jappoġġaw attivitajiet tat-trasport marittimu b'impatt newtrali fuq il-klima u b'impatt ambjentali baxx;
39. JAPPOĠĠA l-isforzi li l-Istati Membri jwettqu biex jistabbilixxu Żoni ta' Kontroll tal-Emissjonijiet (ECA) u Żoni ta' Kontroll tal-Emissjonijiet tal-Ossidu tal-Kubrit (SOx ECA) fil-baċiri tal-baħar Ewropej differenti; JAPPOĠĠA d-deċiżjoni tal-partijiet kontraenti għall-Konvenzjoni ta' Barċellona, f'Diċembru 2019, li jadottaw il-pjan direzzjonali lejn id-deżinjazzjoni tal-Baħar Mediterran kollu kemm hu bħala SOx ECA, bil-ħsieb li titressaq proposta ta' deżinjazzjoni lill-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (IMO), skont il-pjan direzzjonali, u JĦEĠĠEĠ it-tnejn f'waqtha tagħha sabiex il-Med SOx ECA tkun tista' tidħol fis-seħħ malajr kemm jista' jkun;
40. JILQA' l-istrateġija tal-UE biex jiġi sfruttat il-potenzjal tal-enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta għal futur b'impatt newtrali fuq il-klima; JAPPOĠĠA l-adozzjoni ta' sorsi ta' enerġija tal-baħar rinnovabbli u b'emissjonijiet baxxi, kif ukoll ta' pjattaformi għall-innovazzjoni, l-industrijalizzazzjoni u pjattaformi lil hinn mill-kosta bi skopijiet multipli filwaqt li JĦEĠĠEĠ aktar riċerka dwar dawn tal-aħħar; JIRRIKONOXXI li l-gżejjer u l-komunitajiet dipendenti mill-oċeani għandhom rwol speċjali x'jaqdu fid-dekarbonizzazzjoni billi jiffaċilitaw proġetti pilota għal diversi teknoloġiji tal-enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta, sabiex tiżdied id-diversifikazzjoni tas-sorsi u t-teknoloġiji rinnovabbli filwaqt li jikkontribwixxu għas-sigurtà tal-provvista f'sistemi tal-enerġija inqas konnessi, periferali jew iżolati;
41. IFAKKAR fil-ħtieġa li tiġi intensifikata l-ħidma fuq ir-rwol tal-idroġenu, b'mod partikolari minn sorsi rinnovabbli, u l-kontribut tiegħu għad-dekarbonizzazzjoni, l-irkupru u l-kompetittività;
42. IĦEĠĠEĠ il-kooperazzjoni Ewropea fil-produzzjoni tal-enerġija mir-riħ lil hinn mill-kosta u proġetti oħra ta' enerġija rinnovabbli tal-baħar u JFAKKAR fil-ħtieġa għal aċċess faċli għall-finanzjament, l-ittestjar, l-użu u l-konnessjoni mal-grilja tal-enerġija Ewropea;

43. JISĦAQ fuq l-importanza ta' strumenti ta' finanzjament sostenibbli fil-promozzjoni u l-ixprunar tat-tranżizzjoni lejn ekonomija blu effettiva u sostenibbli u jilqa' l-inizjattiva u l-prinċipji sostenibbli tal-finanzi tal-ekonomija blu żviluppati mill-Kummissjoni Ewropea, il-Bank Ewropew tal-Investment u s-sħab assoċjati f'dan ir-rigward; IĦEĠĠEĠ miżuri biex jitnaqqas ir-riskju għall-investituri fis-sostenibbiltà permezz ta' garanziji mill-programm InvestEU; JAGĦRAF li żieda fl-investment pubbliku u privat hija essenzjali biex tinkiseb ekonomija blu innovattiva u sostenibbli fl-UE u globalment;
44. IĦEĠĠEĠ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jkomplu s-sħubija tagħhom mal-Grupp tal-Bank Ewropew tal-Investment biex jgħinu lill-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju jintroduċu prodotti u servizzi innovattivi ġodda fl-ekonomija blu permezz tal-inizjattiva BlueInvest;
45. JIRRIKONOXXI l-importanza tat-turiżmu marittimu u kostali sostenibbli għall-iżvilupp tal-ekonomija blu u l-prosperità tal-komunitajiet kostali;
46. JISSOTTOLINJA l-importanza ta' kollaborazzjoni b'saħħha mal-partijiet kollha li jikkontribwixxu għall-iżvilupp tal-ekonomija blu sostenibbli u n-negozji emerġenti tagħha, u JILQA' l-istrumenti għall-parteċipazzjoni u l-kooperazzjoni fir-riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku;

IV. EKONOMIJA BLU SOSTENIBBLI LI HIJA SOĠJALMENT ĠUSTA, EKWA U INKLUŻIVA

47. JENFASIZZA dwar l-importanza tal-promozzjoni ta' ekonomija blu sostenibbli li tiffaċilita distribuzzjoni xierqa tal-ġid tal-oċeani u tiżgura kondizzjonijiet tax-xogħol ġusti u deċenti, kif ukoll opportunitajiet indaqs għal kulħadd; JIRRIKONOXXI d-dritt tal-irġiel u n-nisa kollha li jaħdmu fis-setturi tal-ekonomija blu li jwettqu l-attivitajiet tagħhom u jaqilgħu għajxien deċenti, kif ukoll il-ħtieġa li l-professjonijiet marittimi jsiru aktar attraenti; JIDDESKRIVI l-ħtieġa li jiġu meġġuna l-attivitajiet kollha biex ikunu involuti fit-tranżizzjoni lejn perkors sostenibbli; IFAKKAR fir-Riżoluzzjoni tal-ILO tal-2020 dwar kwistjonijiet ta' xogħol marittimu u l-pandemija tal-COVID-19, li thegġegħ lill-istati membri biex, fost affarijiet oħra, il-baħħara jitqiesu bħala "ħaddiema essenzjali";

48. IĦEĠĠEĠ lill-Istati Membri biex jiffaċilitaw il-proċess tat-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid tal-forza tax-xogħol tagħhom biex jissodisfaw id-domandi ta' impjiegi u teknoloġiji ġodda, u JISTEDINHOM jiżguraw il-promozzjoni tal-professjonijiet marittimi u jżidu l-mobilità tal-apprendisti u l-istudenti fis-setturi marittimi billi jiżviluppaw programmi ta' skambju fl-UE;
49. JIRRIKONOXXI li l-partijiet marittimi huma fundamentali għall-ekonomija blu; dawn huma essenzjali fl-iżvilupp u l-operazzjonijiet ta' diversi setturi tal-ekonomija blu, mit-trasport marittimu sat-turiżmu kostali u marittimu, mill-enerġija tal-baħar, is-sajd u l-akkwakultura, u l-faċilitajiet tal-bini, it-tiswija u r-riċiklaġġ tal-bastimenti u l-ekonomija ċirkolari marittima; JISĦAQ fuq l-isfidi sinifikanti, inkluż id-diffikultajiet fil-bidla tal-ekwipaġġ u r-ripatrijazzjoni, li qed jiffaċċjaw il-baħħara tal-UE u ta' pajjiżi terzi bħala riżultat tal-pandemija tal-COVID-19 u JĦEĠĠEĠ lill-Istati Membri u lill-partijiet ikkonċernati rilevanti biex jimplimentaw il-protokollu rilevanti tal-OMI biex jiżguraw bidliet tal-ekwipaġġ u vjaġġi sikuri matul il-pandemija;
50. JIRRIKONOXXI li l-UE u l-Istati Membri tagħha ser ikomplu jiddefendu, jippromwovu u jipproteġu l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u t-tisħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa fl-attivitajiet marittimi; JIRRIKONOXXI l-importanza li tissaħħaħ il-vuċi u l-parteċipazzjoni tal-ġenerazzjonijiet żgħażaġh;
51. JAPPELLA għal azzjoni[...] multilaterali u kooperazzjoni strutturata biex jiġu indirizzati l-problemi globali, inkluż l-għajxien tal-gżejjer, il-komunitajiet dipendenti fuq l-oċeani u r-reġjuni ultraperiferiċi u l-pajjiżi u t-territorji extra-Ewropej tal-UE;
52. IFAKKAR li s-sigurtà marittima u s-sorveljanza marittima huma prekundizzjoni għal ekonomija blu prospera fl-UE; JILQA' l-aħħar rapport mill-Kummissjoni u s-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna dwar l-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni tal-Istrateġija dwar is-Sigurtà Marittima tal-UE (EUMSS) u JIMPENJA RUĦU li jkompli l-azzjonijiet konġunti fil-livell tal-UE u tal-Istati Membri f'konformità mal-pjan ta' azzjoni; IĦEĠĠEĠ lill-Kummissjoni tkompli bl-isforzi tagħha biex tistabbilixxi Ambjent Komuni għall-Qsim tal-Infommazzjoni (CISE) kompletament operazzjonali għall-qasam marittimu f'kooperazzjoni mal-Istati Membri u l-aġenziji rilevanti tal-UE;

53. JISSOTTOLINJA l-importanza tas-sigurtà u s-saħħa fuq il-post tax-xogħol meta jitwettqu attivitajiet fis-setturi tal-baħar u dawk marittimi, sabiex jiġu evitati l-inċidenti u jiġu protetti l-ħaddiema u l-ambjent minn konsegwenzi possibbli relatati.
-